MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 348/2009

**Emanuel Grech Co. Ltd. (C-7200)**

**Vs**

**Adrian Debono (I.D. Card Nru. 5862M) u Martha Debono (I.D. Card Nru. 40363M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf seba' mija u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,720.52) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata fuq inkarigu taghhom stess u li baqghet ma thallsitx ; bl-ispejjez u l-imghaxijiet

kummercjali dekoribbli mis-27 ta’ Novembru 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li kemm il-konvenut Adrian Debono kif ukoll il-konvenuta Martha Debono gew debitament notifikati bl-Avviz tat-Talba u l-Avviz tas-seduta.

Ra li Adrian Debono ammetta t-talbiet attrici permezz ta’ Nota ta’ Ammissjoni pprezentata seduta stante.

Ra li l-konvenuta Martha Debono ma ikkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuta Martha Debono u l-fatt li l-istess konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fid-dawl tan-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata mill-konvenut Adrian Debono u peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€1,720.52), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------